**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416101 FAX : 21416941**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 07

Data tal-laqgħa: It-Tnejn 11 ta' Novembru 2019

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia– Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 7.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

7.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 7.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 06

7.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tas-sitt laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

7.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

7.2.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Daniel Mallia li kien issekondat mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 7.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

7.3.1 Is-Sindku nforma lil kunsill li huwa flimkien mal-viċi sindku Daniel Mallia ltaqgħu ma' uffiċjal tal-EUPA biex iġibu nformazzjoni dwar proġetti tal-Erasmus.

7.3.2 Is-Sindku nforma wkoll li huwa flimkien mas-segretarju Eżekuttiv Pamela Borg iltaqgħu ma' uffiċjali tal-Meusac biex iġibu nformazzjoni dwar fondi tal-EU.

7.3.3 Is-Sur Dalli tkellem fuq PA 00170/19 li titratta rigward l-applikazzjoni ta' żvilupp fi Triq Merino. Flimkien mal-perit tal-kunsill kif ukoll ma' diversi residenti li joqgħodu fl-akwata huwa attenda għas-seduta meta ġie diskuss dan il-PA. Irriżulta li l-applikazzjoni ta' din il-PA ġiet irrifjutatha.

7.3.4 Flimkien mal-avukat tal-kunsill, is-sindku qal li huwa attenda għas-seduta tal-Qorti rigward il-każ tal-għargħar fi Triq Annibale Preca.

7.3.5 Is-Sur Dalli spjega kif riċentament iltaqgħa ma' Profs Maria Attard biex hija tgħin fil-preparazzjoni ta' dak kollu li huwa meħtieg biex nwieġbu għall-imejl tal-perit tal-kunsill lokali ta' Ħ'Attard dwar it-talba tas-sistema tal-*one-way* fi Triq Annibale Preca u l-problema tat-traffiku li qed tinħoloq f'din it-triq u fl-inħawi tal-madwar.

7.3.6 Is-Sindku qal li fl-aħħar seduta tar-Reġjun ġew approvati żewġ skemi. L-ewwel skema titratta fuq għajnuna għall-kunsilli lokali rispettivament fiż-żmien tal-Milied b'ammont ta' €2,500. It-tieni skema ser tkun b'ammont ta' €2,000 u ser tkun qed tiġi nseħħ biex tgħin lil għaqdiet fil-lokalitajiet li jaqaw taħt dawk il-kunsilli lokali fi ħdan ir-Reġjun Ċentru biex itejbu l-operat tagħhom.

7.3.7 Is-Sindku qal li kif kien ġie deċiż f'waħda mis-seduti tal-kunsill, huwa flimkien mal-kunsillier Cini għamlu żjara fl-istabbiliment ta' *BIG MAT* ġewwa Ta' Qali. Huma ma sabu l-ebda fanali ta' ċertu kobor li jistgħu jinbidlu ma' dawk li hemm eżistenti fir-raħal. Huma anke kkonfermaw dan mal-persuna nkarigatha mill-istabbiliment.

7.3.8 Is-Sur Dalli spjega kif wara l-ittra li kienet intbgħatet lil Ministru Ian Borg biex jgħin lil kunsill fit-tkomplija tal-pavimentar fi Vjal it-Trasfigurazzjoni mit-Torri l-isfel, huwa reġa għamel kuntatt mal-Ministru. Minn dan il-kuntatt irriżulta li *Infrastructure Malta* tista tgħin pero bil-kundizzjoni li l-wiċċ tal-bankini jsiru bil-prezz tat-*tarmac*. Jekk il-kunsill umbagħad jixtieq jagħmel *upgrade* tal-wiċċ tal-bankini b'xi materjal ieħor, il-kunsill jista jagħmel dan u joħroġ id-differenza bejn il-prezz tat-*tarmac* u l-materjal li jkun għażel il-kunsill.

7.3.9 Is-Sindku nforma lil kunsilliera li fl-aħħar il-kunsill irċieva mingħand il-*Wasteserv* ċekk ta' €15,905.03, li dan il-pagament kien ilu pendenti u dovut lil Kunsill Lokali mill-bidu li bdiet tinġabar il-borża tal-iskart organiku, minn Ottubru 2018. Minkejja dan għadt fadal xi pagamenti oħrajn dovuti lil kunsill u għalhekk il-kunsill ser jibqa jsostni ma' *Wasteserv* biex dawn jitħalsu malajr kemm jista jkun.

7.3.10 Is-Sur Dalli qal li flimkien mal-kunsillier Cini huwa għamel żjara fil-Mitħna li hija devoluta lil kunsill fi Triq Annibale Preca. Is-Sindku qed jiproponi li huwa ferm għaqli biex isir kuntatt ma' *Heritage Malta* jew xi entita oħra tal-gvern li tista tassisti lil kunsill biex issir evalwazzjoni tal-qagħda li tinstab fiha l-Mitħna bħala binja.

Huwa jemmen li minn meta saret id-devoluzzjoni tal-Mitħna lil kunsill qatt ma sar restawr biex il-Mitħna tinżamm fi kundizzjoni tajba u xierqa. Għalhekk trid tittieħed l-azzjoni meħtieġa.

## 7.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

7.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsilliera ma kienx hemm.

## 7.5 Korrispondenza

7.5.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tkun taf fuq xiex titratta korrispondenza nru 1996/19 bl-isem *Traffic lights fi Vjal it-Trasfigurazzjoni u Triq Naxxar*. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif fil-laqgħa tal-pubbliku kien hemm residenta li għamlet talba biex isiru *traffic lights* inti u ħiereġ minn Vjal it-Trasfigurazzjoni għal Triq Naxxar għax il-*grid box* eżistenti li hemm mhux biżejjed. Din it-talba ntbgħatet lil TM pero ma ġietx milqugħha.

7.5.2 Il-Kunsillier Joseph Zahra għamel domanda fuq korrispondenza nru 2002/19 *Lija Belvedere*. Is-Sindku qal li huwa kien inkuntatt mal-MTA u l-MTA bħalissa qiegħda fil-proċess li toħroġ tender biex ikun jista jsir ir-restawr. Il-Perit tal-MTA għandu anke jiltaqgħa mas-sindku biex jispjegalu eżatt x'ser ikun qed issir waqt il-proċess ta' restawrazzjoni.

7.5.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia għamlet domanda fuq korrispondenza nru 2004/19 *Bus No 54 Route.* Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif waqt il-laqgħa tal-lokalita kien hemm residenta li talbet lil kunsill biex jikteb lil Transport Malta u jistaqsi għalfejn bus 54 li tiġi minn Triq il-Mitħna terġa toħroġ minn Triq il-Mitħna. Din ir-residenta qed tissuġġerixxi li r-rotta għandha tinbidel u tal-linja x'ħin toħroġ minn Triq San Liċinju minn ħdejn il-Mitħna għandha taqsam dirett għal Triq Kananea minnflokk terġa tgħaddi minn ħdejn il-kappella tal-Mirakli.

7.5.4 Il-Viċi Sindku staqsa lis-segretarju eżekuttiv jekk kienx hemm risposta lura rigward it-talba li l-kunsill għamel f'ismu fuq l-*electronic bikes*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kull ma wieġbet TM fejn qalet li hija ma tofrix dan is-servizz u tat parir biex inkelmu lil Malta Public Transport. Il-Malta public transport għadha ma weġbitx.

7.5.5 Is-Sur Daniel Mallia xtaq ikun jaf fuq xiex titratta korrispondenza nru 2013/19 *Lija/Balzan Primary school*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dik hija korrispondenza bejn il-*head mistress*, il-pulizija u l-gwardjani lokali fejn hija tkun qed titlobhom biex jassistuha b'superviżjoni tat-traffiku u bl-għeluq tat-triq waqt il-ħin ta' l-iskola.

7.5.6 Is-Sinjorina Lorraina Farrugia xtaqet tkun taf hemmx risposta fuq korrispondenza nru 2025/19 bl-isem *Application Road hump Ħalmann area.* Is-Sindku spjega kif fuq din il-korrispondenza ma tantx ingħata risposta tajba il-kunsill u TM għandha ħsieb li Ħalmann ikun inkluż fil-proġett ta' 'Share the road' u jibdew jgħaddu r-roti minn din l-akwata. Għalhekk il-probabbilta hija li t-talba tar-*road hump* mhux ser tiġi milqugħha u dan minkejja li l-kunsill diġa wera lil TM li ma jaqbilx ma' din il-biċċa tax-xogħol.

7.5.7 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia riedet tkun taf fuq xiex titratta korrispondenza nru 2035/19 *Lista ta' inħawi, żoni jew meded li fihom jikber ħaxix ħażin li l-kunsill irid inaddaf*. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif id-dipartiment kien bgħat imejl fejn talab informazjoni rigward il-frekwenza taż-żbir tal-ħaxix u kemm il-darba dan isir mill-kunsill u f'liema inħawi.

7.5.8 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tkun taf fiex wasalna fuq korrispondenza nru 2057/19 *Rubble walls – Acceptance letter and preparation of tender Ħal Lija*. Is-Sndku spjega kif l-applikazzjoni li ssottometta l-kunsill tal-ħitan tas-sejjieħ ġiet approvata u l-kunsill issa qiegħed fil-proċess fejn talab lil perit biex jiprepara tender għal dan ix-xogħol.

7.5.9 Il-Kunsillier Joseph Zahra staqsa mistoqsija fuq korrispondenza nru 2076/19 bl-isem *Pruning of trees*. Is-sinjorina Lorraine Farrugia qalet li dik titratta fuq imejl li bgħatet hija stess lil kunsill biex jinfurmaw lil ġardinar biex isir żbir ta' siġra fi Triq Egidio Lapira. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat dan. Kif konna fuq is-suġġett tal-iżbir is-Sur Daniel Mallia nforma lis-segretarju eżekuttiv li dik il-pjanta li huwa kien irrapporta ħierġa minn propjeta privata fi Triq Preziosi l-istess għadha tostakola t-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv qaltlu li kif jaf huwa stess ittra lis-sid biex jagħmel l-iżbir diġa ntbagħtet pero hija ser terġa tibgħatlu *reminder* oħra.

7.5.10 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tkun taf fuq xiex titratta korrispondenza nru 2111/19 *Arbli f'Ħal Lija*. Is-Sindku spejga kif fil-jiem li għaddew huwa ltaqgħa mal-inġinier tal-enemalta nkarigat fuq Ħal Lija fejn urih xi arbli fir-raħal mawġin u li jridu jinbidlu. Apparti l-arbli li semma s-sindku u li għandhom bżonn jinbidlu, is-Sur

Joseph Zahra qal li hemm arblu ieħor li jrid jiżdied mal-lista li jinsab fi Vjal it-Trasfigurazzjoni kantuniera ma' Triq Naxxar fejn ir-*roundabout,* l-isfel ħdejn ir-razzett. (viċin ta' Ganado). Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tinforma lil Enemalta b'dan.

7.5.11 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia għamlet referenza għal korrispondenza nru 2116/19 bl-isem *Miss Malta*. Is-Sindku spjega kif waħda mill-konkorrenti ta' *Miss Malta* hija *Miss Lija* u din qed titlob biex tiltaqgħa mas-sindku biex tieħu ritratt kif dejjem sar sissa u biex forsi tingħata xi ħaġa bħala rikonoxximent. Il-kunsill qabel li jinxtara plattin żgħir biex jingħata lil *Miss Lija* bħala memorja.

## 7.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

7.6.1.1 <u>Skema 1 – Għajnuna għall-kunsilli Lokali fi żmien il-Milied</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda skema mibgħuta mingħand ir-Reġjun Ċentru rigward għajnuna li ser tingħata fi żmien il-milied lil kunsilli lokali kollha. Hija qalet li l-kunsill lokali jrid jara kif jixtieq jużahom dawn il-fondi u japplika sa 29 ta' Novembru, 2019 mar-Reġjun Ċentru.

7.6.1.2 Il-Kunsill unanimament qabel li dawn il-fondi għandhom jintużaw biex:

a. Tingħata għajnuna lil kappillan bil-ħlas tal-kor tal-Milied u biex jiġi ppreparat avviż mill-kunsill b'informazzjoni dwar dan l-avveniment;
b. Tingħata għajnuna lil għaqdiet u każini biex jitella u jkun ta' suċċess il-presepju ħaj;
c. Isir armar tal-Milied fil-pjazza madwar il-knisja;
d. Tingħata għajnuna lil mużew bil-ħlas ta' uffiċjal tal-komunita biex issir il-purċissjoni tal-Milied;
e. Issir l-attivita tal-*father christmas* u tqassim tar-rigali mill-uffiċju tal-kunsill billi tingħata għajnuna bil-ħlas ta' *photographer* li ser ikun qed jieħu r-ritratti lit-tfal waqt li *father christmas* jagħtihom ir-rigal.

Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tinforma lir-Reġjun Ċentru b'dan.

7.6.1.3 Fuq l-attivita tal-*father christmas* is-sindku qal li l-għaqda li ser tkun qed torganizza din l-attivita li ser tagħmel huwa li ser iġġib *photographer* biex jieħu ritratt ma' *father christmas u* mas-sinjorina Lorraine Farrugia bħala *mother christmas* u dan waqt li jkun qed jitqasmilhom ir-rigal mill-uffiċju tal-kunsill fil-ħinijiet tal-ftuħ.

7.6.1.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk mhux ser jinkera il-*christmas carriage* biż-żiemel kif sar fi snin ta' qabel u jdur mar-raħal bi *father/ mother christmas* isellem lit-tfal. Is-Sindku wieġeb li m'għandux idea jekk dan mhux ser isir għaliex l-għaqda ma semmiet xejn minn dan. Rigward dan is-sinjorina Lorraine Farrugia wriet dispjaċir u talbet lis-sindku biex jgħid lil persuna nkarigata mill-għaqda li qed tieħu ħsieb din l-attivita tagħmel kuntatt magħha biex hija tispjegalha kif dejjem saret din l-attivita fi snin ta' qabel u li hija ħasra li ma ssirx bil-*christmas carriage*.

7.6.2.1 <u>Skema 2 – Għajnuna għall-għaqdiet fil-lokalitajiet fi ħdan il-kunsill Reġjonali Ċentru</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda skema oħra mibgħuta mingħand ir-Reġjun Ċentru rigward għajnuna li ser tingħata lil għaqdiet f'dawk il-lokalitajiet kollha fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Ċentru. Hija qalet li l-kunsill lokali jrid jara kif jixtieq jużahom dawn il-fondi u japplika sa 29 ta' Frar, 2020 mar-Reġjun Ċentru.

7.6.2.2 Is-Sindku ssuġġerixxa li tintbgħat ittra lil għaqdiet kollha fir-raħal biex ninfurmahom b'din l-iskema li ħareġ ir-Reġjun u nitolbuhom jiktbulna x'ideat għandhom huma u x'proposti għandhom kif ukoll x'funzjonijiet jixtieqU jwettqu b'permezz ta' din l-għajnuna. L-għaqdiet ukoll huma mitluba li ma' ġenb kull proposta jgħidu kemm din ser tammonta fi flus. Il-Kunsill umbgħad jerġa jiltaqgħa u jiddeċiedi liema proposti huma eliġibli għal din l-iskema.

7.6.2.3 Il-Kunsill unanimament qabel li għandha tintbgħat ċirkulari lil għaqdiet u kull għaqda għandha ċans li tibgħat il-proposti tagħha lil kunsill sa l-aħħar ta' Jannar 2020. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tieħu ħsieb li tiġi ppreparatha din iċ-ċirkulari u tintbgħat lil għaqdiet.

7.6.3.1 <u>*Waste Reduction Week - Update*</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv indirizzat lis-sindku u kif ukoll lil Viċi Sindku biex jagħtu *update* fuq l-attivita tal-*waste reduction week* u biex jagħtu stampa aktar ċara ta' kif ser tiġi kkoordinata din l-attivita.

7.6.3.2 Il-Viċi Sindku tkellem fejn qal li l-ħsieb ta' din l-attivita u kif kien ġie deċiż fi seduta preċedenti huwa li titella fi 23 ta' Novembru u ssir fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv bejn id-9:30am u is-1:00pm. Huwa spjega kif mid-9:30am sa 12:30pm ser ikun hemm kontinwament xiri u bejgħ ta' affarijiet li jistgħu jerġaw jintużaw. Dan il-bejgħ ser issir mir-residenti stess. Tul l-attivita kollha mid-9:30am sas-1:00pm ser ikun hemm kontenitur *standby* biex min irid fih jitfa ħwejjeġ użati. Mill-10:00am sa 12:00pm ser isiru xi attivitajiet għat-tfal fejn fihom ser jieħdu sehem diversi karattri popolari. Fil-11:00am ser tkun qed issir demostrazzjoni minn kok professjonali dwar kif

wieħed jista jerġa juża l-fdal tal-ikel minnflokk jintrema. Minn 12:00pm sas-1:30pm il-klabb tal-Lija *tennis* ser jagħmel attivita żgħira bl-għan li jħajjar lin-nies ikunu attivi u jilgħabu sport simili. Apparti l-klabb tat-*tennis* f'din l-attivita anke ser ikunu qed jieħdu sehem it-tfal tal-Lija/Iklin *youth nursery*.

7.6.3.3 Is-Sindku qal li f'din l-attivita tista tipparteċipa wkoll jekk għadha interessata, residenta li toqgħod viċin tal-kunsill u li riċentament avviċinat lis-sindku fejn qaltlu li hija għandha xi prodott ta' boroż li huma riċiklabbli. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb tinforma lil l-iskrivani biex jagħmlu kuntatt ma' din il-persuna.

7.6.3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li hemm bżonn ta' xi mwejjed. Huwa żgur li hemm bżonn waħda għal kok u oħra biex in-nies ikunu jistgħu jagħmlu bejgħ tal-oġġetti. Is-Sindku qal li din hija xi ħaġa mhux ta' inkwiet u qed jieħu ħsieb huwa biex jakwista dawn l-imwejjed.

7.6.3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll li mportanti li dakinhar ma ninsewx nieħdu daqsxejn ritratti u anke filmati qosra tal-attivita u l-i*stands* imsemmija. Dan biex umbghad nibgħatuhom lil Wasteserv bħala prova tal-parteċipazzjoni tagħna fil-*waste reduction week*.

7.6.3.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia għamlet domanda dwar x'jiġri f'każ li dakinhar ikun maltemp u jekk tinbidilx il-ġurnata. Is-Sindku wieġeb li l-ġurnata ma tistax tinbidel u f'każ ta' maltemp kulħadd jidħol għand tal-boċċi.

7.6.4.1 <u>Applikazzjonijiet Sotto-kumitati</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill l-applikazzjonijiet ta' dawk in-nies li applikaw għall-parteċipazzjoni fi Sotto kumitati.

7.6.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ismijiet tan-nies li nkitbu u s-sotto kumitat/i li jixtiequ jipparteċipaw fih. Il-Kunsill unanimament approva l-ismijiet tal-applikanti kollha li kienu proposti mill-kunsillier Donio Cini u ssekondati mill-Viċi Sindku Daniel Mallia. Is-Sindku qal li l-quddiem jaf jagħti l-każ li forsi jinkitbu aktar nies.

7.6.5.1 <u>Approvazzjoni ta' żewġ bozoz ġodda</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda kwotazzjoni ta' kemm tiswa bozza ġdida mal-ħajt. Hija fakret li fis-seduta tal-kunsill li għaddiet ġew approvati li jsiru żewġ bozoz ġodda waħda fi Triq il-Forn u oħra fi Triq Annibale Preca. Hija żiedet tgħid li kif il-kunsill japprova din l-ispiża l-kuntrattur ikun jista jweħħel il-lampi mal-ħitan u niproċedu bl-applikazzjonijiet mal-enemalta. L-ispiża għal kull bozza ser tammonta għal €369.34.

7.6.5.2 Il-Kunsill unanimament approva din il-kwotazzjoni u biex jitweħlu dawn iż-żewġ bozoz fit-toroq mitluba. Il-kuntrattur ser jiġi nfurmat b'dan.

7.6.6.1 <u>Data tat-tieni laqgħa tal-lokalita'</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill li sa mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru trid issir laqgħa mal-pubbliku biex jiġu preżentati l-estimi finanzjarji għas-sena 2020.

7.6.6.2 Il-Kunsill unanimament qabel li din il-laqgħa għandha ssir nhar ta' Tnejn 09 ta' Diċembru 2019 fi 6:00pm fis-sala ż-żgħira tal-kappillan fi Villa Lia, Triq il-Kbira. Għandu jintbgħat avviż lir-residenti rigward dan.

7.6.6.3 Il-Kunsill unanimament qabel biex fl-istess ġurnata wkoll issir il-laqgħa tal-kunsill fl-4:00pm, daqsxejn kmieni biex sas-sitta nkunu lesti u niproċedu bil-laqgħa tal-lokalita.

7.6.7.1 <u>Avvanzament fl-iskali tal-impjegati</u>
Il-Kunsill ħass il-ħtieġa li ż-żewġ skrivani javvanżaw fl-iskali tagħhom. Dan minħabba ċertu bżonnijiet u responsabbiltajiet li żdiedu fl-operat tal-kunsill. Skond memo nru 8/2015, il-kunsill huwa fl-obbligu li jtella lil assistent prinċipal għal skala 10 dan wara li jkun ilu 5 snin fi skala 11. L-impjegata l-oħra li bħalissa qed taħdem fil-pożizzjoni ta' skrivan fi skala 15 P/T hemm bżonn biex tavvanza u titla skala 13 fil-pożizzjoni ta' uffiċjal eżekuttiv.

7.6.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li apparti li hemm bżonn kbir biex isiru dawn l-avvanzamenti huwa anke xieraq li dawn iż-żewġ impjegati jitilgħu fl-iskali u dan għaliex huma dejjem taw *performance* tajba u kienu effiċjenti fuq il-post tax-xogħol.

7.6.7.3 Il-Kunsill unanimament approva li minn Jannar 2020 l-assistent prinċipal jitla skala 10 *notch* 5 u l-iskrivana titla skala 13 *notch* 3. Rigward l-approvazzjoni ta' l-avvanzament tal-iskrivana, is-Segretarju Eżekuttiv issa għandha

titlob l-approvazzjoni tad-dipartiment biex toħroġ sejħa nterna għal Uffiċjal Eżekuttiv skala 13 fuq bażi P/T.

7.6.8.1 <u>Approvazzjoni ta' kwotazzjoni ta' *shredding*</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tlett kwotazzjonijiet għal *shredding* ta' karti. Hija spjegat kif riċentament bdiet bil-proċedura ta' x'hemm *files* antiki li l-kunsill m'għandhux aktar użu għalihom jew inkella li jridu jintremaw skond ir-regoli tal-GDPR. Hija qalet li peress li qatt ma intrema xejn fil-passat, l-ammont ta' *files* li hemm bżonn jintremew (dejjem skond id-*data retention policy* li għamel id-DPO tal-kunsill) huwa wieħed daqsxejn kbir.

7.6.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tnejn minn dawn il-kwotazzjonijiet kienu kkwotati bil-kilo u l-oħra ġiet ikkalkulata bi somma globali. Is-Sindku staqsa jekk sarx kuntatt mal-Maltapost għaliex huma jofru servizz ta' *shredding*. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li sar kuntatt mal-Maltapost u dawn nfurmawha li bħalissa għandhom l-*ishredding truck* bil-ħsara u jekk filkas jistgħu joffru li l-*ishredding* tal-*files* isir mill-uffiċini tagħhom. Pero meta s-segretarju eżekuttiv bgħatet ritratt tal-*files* totali li hemm bżonn jiġu *shredded* ir-rappreżentant ta' Maltapost qal li l-ammont ta' *files* huwa ferm kbir għalihom.

7.6.8.3 Is-Sindku qal li jekk Maltapost qed tara li l-ammont ta' *files* huwa wieħed kbir biex isiru f'daqqa dawn misshom jinqasmu fi darbtejn u huwa nfatti qal li għandu jerġa jsir kuntatt mar-rappreżentant tal-Maltapost u nistaqsuh jekk jistax jagħmel dan. Is-Segretarju Eżekuttiv ingħatat l-approvazzjoni biex tkun xi tkun ir-risposta tal-Maltapost hija tista tipproċedi bl-irħas offerta.

7.6.9.1 <u>Imejl mingħand id-Dipartimet rigward talbiet għal emendi fl-iskeda tal-ġbir tal-iskart</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda imejl mibgħuta mingħand id-dipartiment rigward talbiet għal emendi fl-iskeda tal-ġbir tal -iskart. Din l-imejl tgħid li dawk il-kunsill lokali li jixtiequ jagħmlu xi tibdiliet fl-iskeda tal-ġbir ta' skart tagħhom liberi li jagħmlu dan u jibgħatu t-talbiet tagħhom sat-22 ta' Novembru. Hija qed tistaqsi jekk il-kunsill jixtieqx jagħmel xi tibdil.

7.6.9.2 Il-Kunsill unanimament qabel li għandha ssir talba biex issir ġabra oħra għall-iskart riċiklabli nhar ta' ġimgħa apparti dik li ssir nhar ta' tlieta u kif ukoll issir ġabra oħra tal-ħġieġ fit-tielet ġimgħa tax-xahar apparti dik li ssir kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar. Għalhekk il-pass li jmiss huwa li s-Segretarju Eżekuttiv għandha tagħmel kuntatt ma' *Greenpak* biex japprova dawn iż-żewġ proposti.

7.6.10.1 <u>Talba mingħand il-klabb tat-*Tennis*</u>

Il-Klabb tat-*tennis* għamlu talba mas-sindku biex jiġu rranġati il-pajpijiet tad-dranaġġ fejn is-*showers* u jiġi nstallat dawl fejn l-entraturi tal-*courts.*

7.6.10.2 Rigward it-talba biex jiġi nstallat dawl fejn l-entraturi tal-*courts* is-sindku qal li mhux problema u nistgħu ngħidu lil kuntrattur iweħħel *flood light* u dwar il-problema tal-pajpijiet tad-dranaġġ is-Sindku għandu jmur jara x'hemm u jagħmel kuntatt ma' tat-*tennis*.

7.6.11.1 <u>Talba no *parking signs* fi Triq Annibale Preca</u>

Żewġ sinjuri qed jagħmlu talba biex jirriservaw żewġ parkeġġi li jinsabu fi Triq Annibale Preca ftit il-fuq mill-istatwa ta' San Ġużepp. Dawn jixtiequ jirriservaw dawn iż-żewġ parkeġġi minn Diċembru 2019 għal tmientax-il xahar, mit-Tnejn sal-Ġimgħa mid- 9:30p.m. – 5:00p.m. barra fil-*weekends* u festi.

7.6.11.2 Is-Sindku ssuġġerixxa biex nikkonsultaw ma' Transport Malta fuq din it-talba u naraw jekk għandnix bżonn l-approvazzjoni tagħhom peress li n-*no parkings signs* dawn ir-residenti jriduhom kuljum u għal tul ta' żmien. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.6.12.1 <u>Talba għall-linji ġodda tal-parkeġġ fi Triq il-Forn</u>

Resident qiegħed jissuġerixxi li jsiru linji tal-parkeġġ fi Triq il-Forn quddiem is-Sur Tonio Borg. Huwa qed jgħid li f'dik l-akwata jidħlu 8 parkeġġi u jista' jgħin lil kunsill billi jagħtina pjanta ta' dan.

7.6.12.2 Is-Sindku qal li dan ir-resident għandu raġun u tal-parir biex nagħmlu kuntatt miegħu ħalli jtina din il-pjanta li għandu u umbagħad il-kunsill jgħaddiha għall-approvazzjoni ta' Transport Malta. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ssuġġeriet biex din il-pjanta ngħadduha lil perit, pero s-sindku qal li m'hemmx bżonn.

7.6.13.1 <u>Tranġar ta' bankina fi Triq Mikielanġ Borg</u>

Residenta li ġiet toqgħod fi triq Mikielanġ Borg qed titlob lil kunsill biex tiġi rranġatha l-parti tal-bankina

quddiem il-bieb tagħha. Hija qed titlob dan għaliex għandha raġel *f'wheel chair* u kif qiegħda l-bankina bħalissa ma tistax toħorġu sewwa mid-dar.

7.6.13.2 Is-Sindku għandu jmur fuq il-post u jara x'jista jsir biex il-kunsill jgħin lil din ir-residenta.

7.6.14.1 <u>Talba għal *T-junction sign* fi Triq Tal-Mirakli</u>
Resident qed jagħmel talba biex isir *T-Junction Sign* fi Triq Tal-Mirakli taħt il-mera li hemm ma' l-arblu fejn *Central Strip* tal-Madonna.

7.6.14.2 Is-Sindku qal li *T-Junction sign* mhux ideali li ssir u hu tal-parir li aħjar minnflokk issir tabella bl-ismijiet tat-toroq biex dak li jkun qed isuq ikun jaf x'toroq hemm wara l-Madonna u m'għandhux għalfejn joqgħod jidħol għalxejn. Iżda qabel ma jsir dan is-sindku għandu jkellem lir-resident biex jara eżattament xi jrid u għalfejn jridha din it-tabella.

7.6.15.1 <u>Talba għal mera fi Triq Preziosi</u>
Residenta qed tagħmel talba biex tiġi nstallata mera fi Triq Preziosi kantuniera ma' Triq il-Mosta. Hija qed titlob dan biex min ikun tiela minn Triq Preziosi jara l-karozzi li jkunu neżlin jew vice versa.

7.6.15.2 Dwar din it-talba s-sinku qal li ma jaħsibx li huwa bżonn li jkun hemm mera hemmhekk u li kieku kellha titweħħel mera hemmhekk din żgur ser tiġi użata ħażin, biex minn nieżel jara li mhu ġej ħadd minn fejn iċ-ċimiterju. Ma tagħmilx sens teħel mera biex tara minn tiela u nieżel minn Triq Preziosi. Ħafna mill-kunsilliera qablu fuq dan il-punt u għalhekk din il-mera ma ġietx approvatha.

7.6.16.1 <u>Talba għal mera fi Triq il-Kbira</u>
Resident qed jitlob li ssir mera quddiem il-garaxx tiegħu li jinsab fi Triq il-Forn, pero peress li l-garaxx tiegħu qiegħed f'qisu kantuniera din il-mera biex tkun ta' użu għalih trid titweħħel fi Triq il-Kbira.

7.6.16.2 Rigward din it-talba s-Sindku qal li dan ir-resident għandu raġun u kif qiegħed il-garaxx tiegħu f'kantuniera verament għandu diffikulta biex jidħol u joħrog għalhekk il-kunsill unanimament approva li din il-mera ssir. Għandha ssir applikazzjoni ma' Transport Malta.

7.6.17.1 <u>Talba għal *zebra crossing* fi Triq Annibale Preca</u>
Il-Kunsillier Donio Cini xtaq iressaq talba biex issir *zebra crossing* fi Triq Annibale Preca viċin l-istatwa tal-Madonna. Dan sabiex it-tfal ta' l-iskola jkunu jistgħu jaqsmu faċċata minn fejn jaqbdu il-vann tal-iskola.

7.6.17.2 Is-Sindku qal li din hija proposta tajba ħafna pero sfortunatament jidher li qisu m'hemmx spazju biżejjed biex issir *zebra crossing.* Għalhekk is-sindku għandu jċempel lis-Sur Debono tat-Transport Malta u jistaqsih jekk jistax jiġi fuq il-post u jara jekk din mhux possibbli.

7.6.18.1 <u>Applikazzjoni għal *reserved parking bay* fi Triq Sant Andrija</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda applikazzjoni għal *reserved parking bay* fi Triq Sant Andrija għall-approvazzjoni tal-kunsill.

7.6.18.2 Is-Sindku spjega kif din il-persuna li qed titlob għal *reserved parking bay* ġiet tkelmu personalment fl-uffiċju. Peress li hemm daqsxejn ta' kumplikazzjoni bit-talba tagħha, wara diskussjoni li kellhom bejniethom, is-sindku ġie fi ftehiem ma' din il-persuna biex il-kaxxa fejn qed titlob li ssir *reserved* tinżebaħ bajda u ma issir xejn *reserved*. Dan għaliex wara l-ispjegazzjoni li hija tat jidher li din il-persuna mhux ser tkun qed tagħmel użu frekwenti tal-kaxxa li hija talbet biex issir *reserved*.

7.6.18.3 Għalhekk is-sindku f'isem il-kunsill qal li l-kaxxa l-aħjar tiġi bajda u kemm il-darba umbagħad hija tkun trid tagħmel użu minnha minħabba bżonnijiet speċjali għandha tikkuntatja lil kunsill minn qabel biex minnufih jagħtiha *no parking signs* biex tirriservja l-parkeġġ għal ġurnata meħtieġa. Il-Kunsill qabel fuq dan ir-rigward.

## 7.7 Attivitajiet tal-Milied

7.7.1 Is-Sindku nforma li fl-10 ta' Diċembru ser issir ħarġa ta' l-anzjani li għaliha l-kunsill żgur ser jissussidja it-trasport. Il-ħsieb huwa li dawn l-anzjani jittieħdu jisimaw quddiesa s-santwarju tal-Mellieħa umbagħad jmorru

r-Ramla bay fejn ikollhom *breakfast buffet*. Kif ikollu aktar informazzjoni fuq din il-ħarġa l-kunsill għandu jagħmel u jqassam avviż.

7.7.2.1 Fid-19 ta' Diċembru ġie deċiż li ssir il-bibita tal-Kunsill Lokali fis-sala l-kbira tal-kappillan fi Villa Lia għal ħabta ta' 7:30pm sal-10:00pm. Is-Sindku qara lista li għamel huwa stess bl-ismijiet tan-nies li ser ikunu mistednien għal din il-bibita.

7.7.2.2 Għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv għandha tagħmel kuntatt mal-kappillan biex tibbukja s-sala l-kbira ta' Villa Lia. Barra minn hekk il-kunsill irid jaħseb biex iġib kwotazzjonijiet għax-xorb u l-ikel (*finger food*). Il-kunsill irid ukoll jaħseb biex preżenti jkun hemm 2 *waiters*, *kitchen head* u *barman* u għal dawn is-servizzi għandhom ukoll jinġabu l-kwotazzjonijiet. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hija tista tgħin ukoll fit-tfitxija tal-kwotazzjonijiet. Għandhom anke jintbgħatu nviti uffiċjali lil mistednien.

7.7.3 Fit-23 ta' Diċembru s-Sindku avża li ser issir l-ikla tal-Milied tal-kunsill bejn il-kunsilliera u l-istaff u l-ħaddiema tal-kunsill. Din l-ikla ser tkun *buffet* u ser issir ir-Radison ta' Għajn Tuffieħa. Kulħadd għandu dritt iġib *guest* pero l-ħlas tal-buffet tal-*guest* naturalment mhux ser ikun imħallas mill-kunsill u dan jrid jħallas għalih apparti.

7.7.4 Fis-27 ta' Diċembru jew fit-28 ta' Diċembru aktarx ser ikun hemm il-kor li ser iġib il-kappillan. Din id-data għadha mhux konfermata. Pero kif il-kappillan jagħti konferma tad-data, fid-data li ma tkunx magħżulha u għadha vakanti l-kunsill għandu ħsieb li jorganizza ħarġa għan-nies tal-lokalita billi joħodhom ikla *buffet*.

7.7.5 Il-kunsill unanimament qabel li dawn l-attivitajiet kollha msemmija hawn fuq ser jiġu ppubblikati fuq karta waħda bħal ċirkulari, bid-dati tal-avvenimenti wara xulxin ta' kif ser jiġu organizzati. Dan biex b'hekk tiġi ċċirkulatha karta waħda man-nies u tkun tinkludi kollox.

## 7.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti w spejjes oħra

7.8.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 12 li kienet tinkludi l-ammont tal- *Petty Cash* ta' **€160.37** għax-xahar ta' Ottubru.

7.8.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Daniel Mallia li kienet ssekondata mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha.

## 7.9 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

7.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill li riċentament kien hemm żewġ PAs ġodda daqsxejn alarmanti. Dawn huma PA 07986/19 fi Triq Fernand Gregh u Vjal it-Trasfigurazzjoni u PA 07505/19 fi Triq Ramiro Barbaro kantuniera ma' Triq il-Kbira.

7.9.2 Rigward dawn iż-żewġ applikazzjonijiet is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li l-kunsill talab lit-*town planner* tagħmel rapreżentazzjoni għaż-żewġ permessi u filfatt dawn diġa ġew imtella fuq is-sistema tal-awtorita tal-ippjanar ferm kmieni qabel id-*deadline* li hija 15 ta' Novembru, 2019.

## 7.10 Vakanza ta' Skrivan mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija

7.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill li din is-sejħa kienet inħarġet l-aħħar ma' Jobs Plus għall-interess ta' dawk in-nies kollha eliġibli li qed jirreġistraw fuq part 3C2. Din is-sejħa ngħalqet fil-1 ta' Ottubru 2019 u kien hemm applikazzjoni waħda b'kollox. Din is-sejħa anke ġiet ippubblikata b'permezz ta' avviż li ttella fil-gazzetta tal-gvern u għalqet fis-7 ta' Novembru. Applikazzjonijiet b'permezz ta' dan l-avviż ma kienx hemm.

7.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid kif dakinhar stess qabel is-seduta tal-kunsill sar l-*interview* lil dik il-persuna waħda li applikat u li qed tirreġistra fuq part 3C2. Preżenti mill-kunsill waqt l-*interview* kien hemm is-Sindku s-Sur Dalli, il-kunsillier is-Sur Ċini, il-kunsilliera s-Sinjorina Farrugia, s-Segretarju Eżekuttiv is-Sinjorina Borg u fl-aħħar ftit wasal il-Viċi Sindku s-sur Daniel Mallia.

7.10.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għal waqt dan l-*interview* naturalment ġew mistoqsija ċertu affarijiet u skond ir-risposta li tat din il-persuna hija ġiet assesjatha. Is-Sindku hawnhekk qal li kien hemm xi membri mill-bord li ma għoġbithomx din il-persuna u mhux kulħadd ra li għandha l-kapaċitajiet bażiki biex taqdi dan l-inkarigu. Barra minn hekk din il-persuna wriet li hija aktarx li mhux lesta li taħdem wara nofsinhar kif qed jirrekjedi l-kunsill.

7.10.4 Is-Segretarju Eżekuttiv tal-parir li tiċċekja mad-*data protection officer* tal-kunsill jekk tistax iġġib aktar informazzjoni fuq din il-persuna minn *third parties* u tistaqsi dwar il-ħidma tagħha ma' kumpaniji li ħadmet magħhom l-aħħar. Apparti dan is-Sinjorina Lorraine Farrugia ssuġġeriet li din il-persuna għandha tiġi kkuntatjatha biex tgħaddi lil kunsill kopja taċ-ċertifikati li hija għandha. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jsir dan.

## 7.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

7.11.1.1 <u>Rapport ta' Evalwazzjoni -Tender għax-xogħlijiet tal-*concrete imprint* fi Triq Preziosi Sqaq nru 2</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda rapport ta' evalwazzjoni tat-tender għax-xogħlijiet tal-*concrete imprint* fi Triq Preziosi Sqaq nru 2. Hija spjegat li fir-rapport hemm mniżżel li kien hemm offerta waħda biss għal dan is-servizz li kienet *compliant* kemm teknikament u kif ukoll finanzjalment.

7.11.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lil Kunsill jekk iridx jipproċedi biex japprova dan ir-rapport u l-kunsill unanimament approva li jsir dan u biex titkompla l-proċedura u jittella onlajn fuq is-sistema.

7.11.2.1 <u>Rapport tal-awditur ġenerali fuq il-gvern lokali għas-sena 2018</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill, l-NAO report ta' l-awditur ġenerali fuq il-*workings* tal-gvern lokali għas-sena 2018. Kopja ta' dan ir-rapport intbgħatet lil kunsilliera kollha b'permezz ta' imejl qabel il-laqgħa.

7.11.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif dan ir-rapport joħrog kull sena u jagħti stampa ċara fuq l-*accounts* tal-kunsilli lokali u jitratta speċjalment fuq il-*management letters* li jintbgħatu lil kunsilli u r-*reply* tagħhom. Hija qalet li qed tressaq dan ir-rapport waqt il-laqgħa sempliċiment biex turi li Ħal Lija, huwa wieħed mill-kunsilli li bilkemm issemma u dan sinjali li bħala kunsill għandu rapporti tajbin relatati ma' l-*accounts.* Dan għax dejjem imxejna kif suppost u dejjem weġibna fil-ħin il-*management letter.*

7.11.2.3 Dan ir-rapport juri ukoll li l-kunsill ta' Ħal Lija ma kellux *negative working capital* jew *loss* għas-sena 2018.
Kull ma kien hemm ħażin msemmi fuq il-kunsill ta' Ħal Lija huwa li l-kunsill ma pprovdix *audited financial statements* tal-Bkara *joint committee*, li din hija xi ħaġa li l-kunsill m'għandux kontroll fuqha esaċċ u *insufficient disclosures*. Dawn l-*insufficient disclosures* huma minn naħa tal-*accountant* u jirreferu għal l-*inputting* li jiddaħħal fuq is-*sage*.

7.11.3.1 <u>It-Tielet Rapport ta' kull kwart għal perjodu minn Lulju sa Settembru 2019</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill it-tielet rapport ta' kull kwart għal perjodu minn Lulju sa Settembru 2019. Hija qalet li dan ir-rapport diġa semmietu fil-laqgħa li għaddiet pero kien għadu mhux ippreparat mill-*accountant*.

7.11.3.2 L-*accountant* kienet preżenti waqt li ġie mtella dan ir-rapport fuq il-mejda tal-kunsill u hija tat spjegazzjoni tiegħu fejn qrat il-figuri kif ġej. Hija qalet li l-kunsill kellu dħul totali ta' €247,848.00, nefqa totali ta' €246,171.00 u dan irriżulta fi *surplus* ta' €1,678.00. Il-*financial situation indicator* għal dan il-perjodu telgħat għal 100%.

7.11.3.3 Is-Sindku staqsa lil *accountant* għalfejn is-somma taħt l-*other expenditure* telgħat għal €58,861.00 meta jidher li kien hemm somma ta' €35,000 ibbaġitjatha. L-accountant spjegat kif dik iċ-ċifra telgħat daqshekk għaliex apparti li kien hemm xi żieda f'xi spejjes hemm anke inkluż id-*depreciation*.

7.11.3.4 Fuq bażi ta' din l-ispjegazzjoni l-kunsill approva dan ir-rapport unanimament.

## 7.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

7.12.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

7.12.2.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkelmet fuq il-bozoz ta' Ħalmann ta' ħdejn iċ-ċimiterju tal-Abbati. Hija qalet li mhux biżżejjed li jsiru lampi tal-dawl ġodda fejn iċ-ċimiterju biss u huwa essenzjali li jsiru lampi tad-dawl oħra ġodda fit-triq fejn l-għelieqi speċjalment man-naħa ta' Ħalmann. F'din in-naħa l-għelieqi qegħdin sular l-isfel u dawn bilkemm jidhru bid-dawl tal-karozza biss speċjalment meta tkun qed tirriversja fit-triq u għalhekk hemm periklu li wieħed jista jaqa għal-isfel. Hija qed titlob biex f'dan fl-inħawi ssir bozza.

7.12.2.2 Rigward dan is-sindku talab lis-sinjorina Farrugia biex fuq *siteplan* timmarka fejn eżatt hija qed tissuġġerixxi

biex isir din il-bozza biex umbagħad ikun jista jmur fuq il-post jitawwal.

7.12.3.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tat *update* fuq l-kors tal-*health and safety* li kien ġie deċiż li jsir fi seduta preċedenti. Hija għamlet kuntatt mal-OHSA fejn tawha risposta li l-kors ser jammonta għal €360 u fih jinvolvi żewġ lezzjonijiet u jidher li m'hemmx limitu ta' kemm jistgħu jipparteċipaw nies. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet lir-rappreżentant tal-OHSA li jkun ferm tajjeb jekk minn kull għaqda jkunu jistgħu japplikaw żewġ persuni. Hija żiedet tgħid li hemm pjanat biex dan il-kors jsir qrib it-tieni ġimgħa ta' Jannar u kull ma qed tistenna huwa li r-rappreżentant tal-OHSA jikkonferma d-dati eżatti.

7.12.3.2 Għalhekk irid jiġi ppreparat *flyer* b'din l-informazzjoni u x'ħin is-sinjorina Lorraine Farrugia jkolla d-dati eżatti ta' meta ser isiru l-lezzjonijiet dan il-*flyer* għandu jintbgħat lil għaqdiet kollha.

7.12.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia nfurmat li fi Triq Kardinal Ferretti viċin tal-*bus stop* u fi Triq il-Mitħna quddiem dar 52 hemm ħofra biex dawn jimtlew bit-*tarmac* it-tnejn li huma. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif tkun l-ewwel ġurnata bnazzi sewwa l-ħaddiema għandhom jimlew diversi toqob fir-raħal u dawn ser tinkludihom magħhom.

7.12.5 Is-Sur Donio Cini qal li fi Triq il-Mitħna kantuniera ma' Triq San Liċinju hemm tabella ta' *no entry* li qed tiġi mgħottija bil-weraq ta' siġra li ħierġa minn propjeta privata. Huwa qed jitlob biex ir-resident ikun infurmat b'dan u jiżborha malajr kemm jista jkun. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb li tintbgħat ittra lir-resident ikkonċernat.

7.12.6 Il-laqgħa ntemmet fis-7:00pm.

7.12.7 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Tnejn 09 ta' Diċembru, 2019 fl-4:00pm biex warajha eżatt tinżamm il-laqgħa tal-pubbliku fis-6:00pm.

Konfermati, illum il-Tnejn 09 ta' Diċembru, 2019.

| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
|---|---|
| Anthony Dalli<br>Sindku | Pamela Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |